Vol 38
Nru 197
Lulju - Settembru 2017

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2017



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*L-Edikola restawrata*

# Werrej




6





13





18



23


6 X'nafu dwar il-qabar ta' kristu minn mindu nfetaħ

13 L-Ittri Kattoliċi fil-Ġdid Testment

18 L-Ommijiet ta' Israel u Omm Ġesù (3)

23 Pawlu kien ġellied? Il-firda minn Barnaba (Atti 15, 36-40)

29 L-għejun tar-raba' Evanġelju (2)

38 Meta l-kustodju Bonifacio di Ragusa fetaħ il-qabar ta' kristu (1555)




29

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Il-Wiċċ Internazzjonali tal-Kustodja

L-istorja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa dejjem kienet marbuta mal-Patrijiet Franġiskani li kienu jiġu minn diversi pajjiżi tad-dinja magħrufa fid-diversi mumenti tal-medda tas-sekli tal-preżenza tagħhom. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa twieled bħala entità internazzjonali sa mill-bidu nett. Kien fra Elia l-ewwel ministru provinċjal tal-Provinċja ta' *Oltremare* jew tas-Sirja, u miegħu waslu l-ewwel patrijiet, ħafna minnhom mill-Italja. Imma kien Franġiskan Franċiż minn Aquitaine, fra Roger Guerin, li tħabat biex jixtri ċ-Ċenaklu bl-għajnuna tal-familja rjali ta' Napli u hemm iwaqqaf l-ewwel kunvent tal-Għolja ta' Sijon fl-1333. Meta fl-1394 il-Kustodja kellha l-ewwel martri tagħha, dawn kienu patrijiet minn diversi nazzjonijiet, fosthom Nikola Tavelić minn Sibenik fid-Dalmazja (Kroazja), u sħabu mill-Italja u minn Franza.

It-twaqqif tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fil-21 ta' Novembru 1342 mill-Papa Klement VI juri li bħala Kustodji tal-Postijiet Qaddisa kellhom jiġu patrijiet mill-provinċji kollha tal-Ordni. Maż-żmien il-maġġoranza tal-partrijiet naturalment kienu jiġu minn pajjiżi li fihom il-Franġiskani kienu numerużi, jew ukoll minn pajjiżi li kellhom rabtiet speċjali mal-Art Imqaddsa. Hekk, għal diversi sekli, l-maġġoranza ta' patrijiet fil-Kustodja kienu Taljani, Spanjoli, u Franċiżi, bi gruppi iżgħar ta' patrijiet Portugiżi, Ġermaniżi, Polakki, Olandiżi, Ingliżi, Kroati u Maltin

*...editorjal*
*Il-Wiċċ Internazzjonali tal-Kustodja*





(li kienu jitqiesu mat-Taljani). Dan għaliex il-Kustodja kienet protetta minn Franza, mill-kuruna Spanjola, mir-Repubbliki marittimi Taljani ta' Pisa, Ġenova u Venezja, mir-Renju ta' Napli u ta' Sqallija, mir-Repubblika ta' Ragusa (Dubrovnik) u mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Malta.

Din il-qagħda kompliet tissaħħaħ fl-erba' sekli ta' dominazzjoni Torka Ottomana fuq il-Palestina (1517-1917), meta l-interessi politiċi u kummerċjali tal-Ewropa bdew jiffissaw il-mod kif jiġu trattati l-patrijiet, u meta l-preżenza tal-Knisja Griega Ortodossa kibret u ssaħħet b'dannu għall-interessi Latini fl-Art Imqaddsa. Biex jiġu protetti l-interessi Kattoliċi fl-Art Imqaddsa l-Kustodja kellha taċċetta *status quo* mhux biss fir-relazzjonijiet tagħha mal-Knejjes Ortodossi, imma saħansitra fl-istess struttura interna tagħha, sal-punt li d-diversi qawwiet politiċi Ewropej kisbu drittijiet sagrosanti li damu jkaxkru sa lejlet il-Konċilju Vatikan II, l-aktar fit-tmexxija tal-Kustodja, bid-dritt li l-Patri Kustodju jkun dejjem ta' nazzjonalità Taljana, li l-Vigarju Kustodjali jkun dejjem ta' nazzjonalità Franċiża u li l-Prokuratur Kustodjali jkun dejjem ta' nazzjonalità Spanjola.

Matul il-perjodu tal-Mandat Britanniku (1917-1947) u mat-twelid tal-Istat ta' Israel u tal-qasma tal-Palestina bejn il-Ġordanja u l-Israel (li mbagħad okkupa l-parti Ġordana fix-Xatt tal-Punent) il-qagħda strutturali tal-Kustodja ftit tbiddlet. Imma malli bdew jinħassu l-effetti tat-taqlib fil-Knisja li seħħ wara l-Konċilju Vatikan II, anke l-Kustodja bdiet tinduna li kien wasal iż-żmien li hi tkun tassew entità internazzjonali. Dan l-aktar għaliex bdew jonqsu sewwa l-vokazzjonijiet għall-ħajja Franġiskana fl-Ewropa, filwaqt li żdiedu sewwa fil-pajjiżi hekk imsejħa tat-Tielet Dinja.

L-ewwel żvilupp li sar kien dak immedjatament wara l-Konċilju, meta l-Kustodja talbet u qalgħet il-permess li tneħħi l-privileġġi nazzjonali li kien hemm fost il-patrijiet fit-tmexxija tagħha, għalkemm ġustament żammet karattru internazzjonali fir-rappreżentanza tad-diversi gruppi lingwistiċi fid-Diskretorju, jew Kunsill tal-Kustodju. Sadanittant beda fenomenu interessanti li ra diversi vokazzjonijiet ġodda mill-grupp ta' patrijiet ta' lingwa Għarbija, l-aktar dawk

li kienu ġejjin mis-Sirja, il-Libanu u l-Ġordanja, fejn il-Kustodja minn dejjem kienet preżenti. Magħhom żdiedu patrijiet Palestinjani kemm mill-Galilija, kif ukoll mil-Lhudija (Ġerusalemm u Betleħem). U fi żminijiet aktar reċenti daħlu fil-Kustodja patrijiet mill-Iraq, partikolarment minn Mosul, il-parti Kristjana li tant sofriet mill-ISIS f'dawn l-aħħar snin.

Il-waqgħa tal-purtiera tal-ħadid fi żmien il-pontifikat ta' San Ġwanni Pawlu II kienet tfisser li bdew deħlin fil-Kustodja diversi patrijiet mill-Ewropa tal-Lvant, jew bħala membri tagħha jew inkella biex ikunu ta' servizz għaliha. Hekk żdied sewwa n-numru ta' patrijiet fil-grupp lingwistiku hekk imsejjaħ "tas-Slavi" li jiġbor fih Polakki, Ċeki, Slovakki, Ungeriżi u Kroati. Dawn il-patrijiet illum jikkostitwixxu numru sabiħ fil-Kustodja, l-aktar il-Polakki u l-Kroati.

Sa minn dejjem il-Kustodja ġibdet patrijiet minn pajjiżi mbiegħda. Hekk bdew jiżdiedu dejjem aktar patrijiet ġejjin mill-Amerika Latina, partikolarment mill-Messiku, Brażil, Arġentina u Ċile. Dawn illum jikkostitwixxu wieħed mill-akbar gruppi ta' patrijiet fil-Kustodja, hekk li l-grupp ta' Lingwa Spanjola hu magħmul prattikament minnhom, għax mill-patrijiet Spanjoli u Portugiżi mietu ħafna minnhom u ma hemmx aktar vokazzjonijiet f'dawn il-pajjiżi.

Il-grupp tal-Lingwa Ingliża hu magħmul prevalentement minn patrijiet mill-Amerika ta' Fuq, fejn il-Kustodja għandha Kummissarjat kbir f'Washington D.C. Dan sa ftit ilu kien grupp kbir, li fih kien hemm ukoll patrijiet Ingliżi u Irlandiżi. Imma issa dawn tal-aħħar prattikament għebu u l-patrijiet mill-Istati Uniti u l-Kanada qegħdin jonqsu wkoll, għax ma tantx hemm vokazzjonijiet f'dawn il-pajjiżi.

Il-grupp tal-Lingwa Franċiża u dik Ġermaniża wkoll spiċċa kważi fix-xejn, minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet fil-pajjiżi Ewropej. Imma fl-istess ħin hemm il-barka ta' patrijiet li jitkellmu l-Franċiż jew Ingliż li ġejjin mill-Afrika, partikolarment mill-Ghana.

L-aħħar grupp interessanti ta' patrijiet hu dak Asjatiku. Fil-Kustodja waslu diversi patrijiet minn pajjiżi bħall-Korea ta' Isfel, miċ-Ċina u mill-Indja, mill-Filippini, mill-Indonesja, u saħansitra xi patrijiet mir-Russja. Dawn huma grupp li għandhom kulturi diversi ħafna, u li wieħed jammira l-isforz li jagħmlu biex jintegraw ruħhom fil-Kustodja.

Din l-istampa moderna tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa turina kif qed titbiddel radikalment id-dehra tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Issa tassew nistgħu ngħidu li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi realtà internazzjonali b'patrijiet ġejjin mill-Kanada, USA, Messiku, Panama, Kolombja, Perù, Brażil, Arġentina, Ċile, Ghana, Eġittu, Israel, Palestina, Ġordanja, Sirja, Libanu, Iraq, Ċipru, Spanja, Portugal, Franza, Ingilterra, Olanda, Ġermanja, Polonja, Ukrajna, Russja, Kroazja, Bosnia-Herzegovina, Italja, Malta, Indja, Ċina, Hong Kong, Korea ta' Isfel, Indonesja, Filippini, u anke pajjiżi oħrajn. Il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa huma l-isbaħ xhieda ta' konvivenza paċifika bejn il-ġnus, li lkoll jgħożżu din il-ġawhra tal-missjonijiet li għandha l-Knisja Kattolika.



# X'NAFU DWAR IL-QABAR TA' KRISTU MINN MINDU NFETAĦ

***Adriana Poletti***

***Traduzzjoni minn The Holy Land Review, Vol. 10, No. 3 (Summer 2017) 25-31.***

Patri Eugenio Alliata hu arkeologu tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Hu professur fl-i*Studium Biblicum Franciscanum* f'Ġerusalemm u espert fuq il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Hu kien preżenti filgħaxija tas-26 ta' Ottubru 2016, meta l-għatu tar-rħam li jgħatti l-qabar ta' Ġesù ġie

mneħħi. Din kienet it-tieni darba mill-1555 u l-ewwel darba mill-1809, li dan il-post l-aktar qaddis għall-Insara seta' jinkixef. Patri Alliata kien kapaċi josserva u jiddeskrivi dak kollu li ra.

Bħalma kien ġara fiż-żewġ okkażjonijiet ta' qabel, il-kxif tal-qabar kien parti mill-ħidma ta' restawr li kienet qed issir fuq l-Edikola, is-santwarju li jgħatti l-blat oriġinali tal-Qabar. Il-proġett beda f'Mejju 2016, u kien limitat għar-restawr, stabilità u preservazzjoni tal-Edikola li naraw illum. Dan ix-xogħol ma kienx jinkludi studju arkeoloġiku tal-Qabar innifsu.

## X'nistgħu nitgħallmu?

Il-grupp ta' restawraturi ddokumenta bi preċiżjoni l-ħidma tagħhom, li se tkun tista' tintuża għal studji dettaljati fil-futur. Għalkemm kien ikun verament utli kieku saret osservazzjoni arkeoloġika speċjalizzata fuq il-blat tan-naħa tat-tramuntana tal-kamra funerarja, l-aktar fil-"bank li fih hemm il-qabar", Patri Alliata kellu jikkuntenta ruħu billi jagħmel osservazzjonijiet viżwali.

"Il-ftuħ tal-Qabar ippermettilna nifhmu l-istat li fih jinsab il-Qabar. Il-monaku Maximos Simaios, l-aħħar wieħed li ra l-blata tal-Qabar fl-1809 (meta kienet qed tinbena l-Edikola tallum), tana biss deskrizzjoni sommarja tagħha," qalilna Patri Alliata. "Tassew, l-osservazzjoni diretta kkonfermat u arrikkiet din id-deskrizzjoni. L-istrumenti li jieħdu l-qisien, fihom infushom, ma tawniex okkażjoni li jkollna idea perfetta ta' kollox. Kellna nivverifikaw kollox b'osservazzjoni personali!"

## Dak li tgħallmu l-arkeoloġi

Iż-żona li tinsab direttament fuq il-post meqjum bħala l-post tad-dfin ta' Ġesù tinsab fuq in-naħa tal-lemin (tramuntana) tal-kamra funerarja interna tal-Edikola. Il-post attwali tad-dfin ġie mgħotti fl-1809 bi rħama li l-pellegrini jinżlu jbusuha b'att ta' qima sa minn sekli mbiegħda. B'mod regolari tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija fuq din l-irħama.

Meta tneżża' mit-tiżjin kollu li jgħattih jidher il-ħajt ta' rħam skolpit, eżattament kif kien fl-1809. Wara



*P. Eugenio Alliata*


*Il-Qabar ta' Kristu qabel ir-restawr*

x-xbieha ta' Kristu Rxuxtat hemm biċċa mill-ħajt tat-tramuntana li jitqies bħala l-kamra funerarja interna tal-Qabar oriġinali. Għal studju proprju, l-arkeoloġi xtaqu kieku li titneħħa din l-irħama biex jispezzjonaw il-blata oriġinali fuq din in-naħa.

Il-ħaddiema refgħu bil-mod u b'attenzjoni l-irħama ta' wiċċ il-Qabar u mbagħad neħħew it-terrapien li kien hemm taħtha. Meta għamlu dan skoprew li taħtha hemm irħama oħra, li jagħtu xhieda tagħha diversi matul is-sekli. Meta daħal ġewwa Patri Alliata seta' jaraha u jiddiskreviha: "Hi rħama maqsuma fi tnejn fit-tul tagħha, u għandha salib imnaqqax fiha magħmul minn irħam differenti. Din l-irħama x'aktarx li tmur lura għal żmien il-Kruċjati. Rigward is-salib, għalkemm ma għadux hemmhekk sħiħ, jidher li hu salib li ġej minn Lorraine."

## Xhieda tal-qedem

Patri Alliata fakkarna li Godfrey de Bouillon, l-ewwel mexxej Kruċjat ta' Ġerusalemm, kien ġej minn Lorraine fi Franza. Hu żied jgħid: "Skont id-deskrizzjonijiet ta' qabel, il-preżenza ta' dan is-salib hi ċara u ovvja."

Ir-*Report on the Restoration of the Edicule of the Holy Sepulchre* li sar fis-seklu 19 minn Maximos Simaios, jgħid: "l-arkitett kellu fiduċja u, fuq it-talba tiegħi, fetaħ parti mill-Qabar ta' Kristu (...) u fil-livell tal-blata tal-Qabar, (...) sab li dan kien mgħotti minn żewġ irħamiet, waħda fuq l-oħra, fuq ix-xaqliba tat-tramuntana (...), imma li n-naħa kollha tan-nofsinhar tal-għar l-aktar qaddis kienet tikkonsisti fi blat naturali."

Diġà fl-1555, il-Kustodju Bonifacio da Ragusa (Dubrovnik) irrapporta dwar il-mument li fih "kien meħtieġ li tintrefa' waħda mill-irħamiet li kienet tgħatti l-Qabar," u meta "il-Qabar tal-Mulej ħareġ għad-dawl, imqatta' fil-blat" (*Liber de perenni cultu Terrae Sanctae*, pp. 279-280, 26 ta' Awissu 1555).

L-isqof Arculf, li kien Frank, u li għamel pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa fis-seklu 7, ukoll jitkellem dwar dan, xi elf sena qabel. L-isqof Irlandiż Adomnan minn Iona jagħti deskrizzjoni tiegħu fl-opra *De locis sanctis* (1:2) fis-sena 670, u jiddeskrivi "kamra żgħira mqatta' fil-blat fejn l-għatu hu aktar baxx mill-Qabar innifsu."

## L-istudju fuq il-blata oriġinali tal-post tad-dfin

Immedjatament taħt it-tieni rħama, li ma ntmessitx, hemm it-tielet livell; il-blata oriġinali. "Skont l-istrumenti tal-kejl, id-distanza bejn l-irħama u l-blata setgħet kienet ta' ftit aktar minn tliet piedi (kważi metru)," qalilna Patri Alliata.

Skont l-arkeologu Patri Alliata, jekk wieħed jistenna li jsib il-post tad-dfin fuq il-bażi tax-xhieda tal-qedem, is-sorpriża fl-2016 kienet li dan instab "fil-għoli aktar milli stennejna... Hemm xi 35 ċentimetru (madwar 14-il pulzier) bejn is-saqaf tal-blata oriġinali u l-paviment tallum. Tkun ħaġa interessanti li naraw il-ħamrija kemm tinżel fil-fond. Dan kieku jagħtina l-okkażjoni biex nifhmu aħjar l-istruttura tal-kamra nnifisha."

Patri Alliata jiddispjaċih li meta nfetaħ il-qabar, l-arkeoloġi ma ġewx ikkonsultati rigward il-metodoloġija. "L-ebda arkeologu ma kien preżenti, la Grieg, la Franġiskan, u lanqas Israeljan, ħadd." Minkejja dan id-diżappunt tiegħu, hu jkompli jirrifletti u jibbaża l-osservazzjonijiet tiegħu fuq dak li seta' josserva meta kellu l-permess jidħol fil-Qabar.

## Liema tip ta' qabar Lhudi kien?

L-użanzi tad-dfin Lhud kienu jutilizzaw diversi tipi ta' kmamar funerarji maqtugħin fil-blat. Imma, kif spjega Patri Alliata, "aħna m'aħniex ċerti dwar it-tip ta' qabar li għandna quddiemna llum. Illum nistgħu neskludu l-possibilità ta' qabar *kokhim* – kelma li tfisser 'forn' fl-Ebrajk – jiġifieri, toqba mħaffra fil-blat skont id-daqs tal-ġisem," li llum tissejjaħ *loculus* (spazju żgħir ta' dfin fejn hu meqjum il-ġisem tal-mejjet).





L-osservazzjonijiet limitati tiegħu jikkonfermaw li l-post tad-dfin kien "tip ta' qabar-xkaffa li fih kien jiqiegħed il-ġisem." L-istruttura għaldaqstant kienet aktar qrib ta' *arcosolium*, jiġifieri niċċa magħluqa ġo arkata maqtugħa fil-blat. F'din in-niċċa kien jitqiegħed il-ġisem fuq xkaffa li jkun hemm taħtha.

Imma Patri Alliata wkoll innota li l-post tad-dfin seta' jkun ta' tip ieħor, differenti mit-tnejn ta' qabel. Imma hu wissa: "Aħna nixtieqi nsiru nafu ħafna aktar dettalji dwar dak li fadal mill-blata oriġinali biex inkunu nistgħu naslu għal xi konklużjoni."

Minkejja l-fiduċja tiegħu li l-ixkaffa li nkixfet taħt l-irħama ma kinetx qabar *kokhim*, l-għajnejn esperti tiegħu innutaw li l-għar kien "dejjaq wisq" meta jiġi mqabbel ma' qabar li jkollu *arcosolium*. Forsi din hi struttura li "ma hijiex la ta' tip u lanqas ta' ieħor."

Ipotesi oħra hi dik ta' *qabar li kien għadu mhux lest*, skont kif jiġi deskritt fl-Evanġelji li jgħidu li kien qabar ġdid li kien qed jintuża għall-ewwel darba. Luqa jikteb li "(Ġużeppi minn Arimatija) qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat, li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd" (Lk 23,53). San Mattew jgħid li "qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat" (Mt 27,60). Dan kollu jispjega għaliex kien hemm biss xkaffa waħda fuq dik in-naħa u fi spazju dejjaq ħafna, billi l-qabar kien għadu ma ġiex imħaffer kollu.

F'Ġerusalemm, fin-nekropoli magħrufa bħala l-Qabar tal-Profeti fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, hemm qabar simili dejjaq. Hemm ukoll eżempju ieħor li jinsab f'Ġerusalemm, u li jixħet dawl fuq din l-ipotesi. In-nekropoli tal-Ħakeldama fil-Wied tal-Ġehenna fiha "oqbra li għandhom *arcosolium*... u li jinsabu f'kurriduri dojoq ħafna," spjega Patri Alliata.

## Aktar spekulazzjoni

Barra mit-tip ta' qabar u l-istruttura interna tiegħu, l-esperti wkoll jirriflettu jekk kienx hemm spazju wieħed jew tnejn. Patri Alliata innota: "L-eqdem idea (u dik li l-aktar jaqblu fuqha) hi l-ipotesi li kien hemm żewġ spazji: dak fejn kienu jibku u jippreparaw il-ġisem għad-difna, u l-ispazju proprju tad-dfin. Imma l-Evanġelju jgħidilna bil-maqlub: Wieħed seta' jħares ġewwa l-qabar minn barra. Din hi l-idea ta' Patri Bagatti u ta' Martin Biddle: "Il-kamra funerarja ma kinetx magħluqa għaliha."

Kwestjoni oħra ġġegħelna nirriflettu: Għad fadal biss il-ħitan tat-tramuntana u tan-nofsinhar? Min qasam il-kamra funerarja fi tnejn? Xi wħud jemmnu li din il-qerda saret mill-Persjani imma Patri Alliata jirreferi għal test ta' pellegrin tal-qedem: "Fis-sena 670 Arculf jitkellem dwar is-saqaf ta' din il-kamra. Kif jista' jkun li Arculf jara s-saqaf jekk dan kien ġie meqrud mill-Persjani fis-sena 614, 56 sena qabel?"

## It-tieni fażi ta' restawr – opportunità ġdida?

Il-ftuħ storiku tal-qabar wieġeb għal xi mistoqsijiet. Patri Alliata se jistenna bil-paċenzja għad-dokumentazzjoni li d-direttriċi tal-proġett, il-Professoressa Antonia Moropoulou, trid tippreżenta għad-dispożizzjoni tar-riċerkaturi.

Hemm ċans li xi darba l-arkeoloġi jkunu jistgħu jużaw il-metodoloġija tagħhom biex jistudjaw iż-żona madwar il-Qabar? Sat-22 ta' Marzu x-xogħol prinċipali fuq l-Edikola nnifisha kien ġie konkluż. Imma l-Professoressa Moropoulou diġà tat indikazzjoni lill-mexxejja tat-tliet komunitajiet fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu li hi meħtieġa t-tieni fażi tax-xogħol biex jiġi stabilizzat il-paviment madwar l-Edikola.

L-akkumulazzjoni tal-umdità taħt l-art hi ta' theddida għall-Edikola. Il-paviment madwar is-santwarju jrid jitneħħa biex l-ispazju taħtu jkun aktar stabilizzat. X'opportunitajiet tista' toffri din it-tieni fażi tal-proġett lill-arkeoloġi għadu misteru.

Dak li wieħed jittama hu li jkun hemm skambju mimli frott bejn l-arkeoloġi u r-restawraturi. Kollaborazzjoni ulterjuri tista' tgħaqqad flimkien l-isforzi ta' dawn l-esperti għas-servizz tax-xjenza u lejn possibilità li nifhmu aħjar dan il-Qabar hekk famuż.

## Żjieda: L-aħħar darba li kien inkixef il-Qabar ta' Kristu

Fl-1808 kien hemm ħruq diżastruż fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Dan għamel ħsarat kbar fir-rotunda li ddawwar il-Qabar u qered il-koppla żgħira tal-Edikola u l-irħam li




*Ir-Restawr komplut*

kien jiksi l-ħitan. In-nar ma qeridtx in-naħa ta' ġewwa, u lanqas l-irħam tal-post fejn ġie midfun Ġesù.

Sena wara l-komunità Griega Ortodossa rnexxiela tirċievi permess mis-Sultan Mahmud II biex tirrestawra l-knisja u anke l-Edikola. Ir-restawr seħħ taħt id-direzzjoni tal-arkitett Grieg Komnenos. Il-proġett ta' restawr kien kontroversjali. Kif kiteb il-Franġiskan Patri Eugene Hoade fil-*Guide to the Holy Land*, "*Their work was one of destruction,*" għax huma neħħew mill-knisja l-monumenti importanti kollha tal-perjodu Kruċjat.

L-estern tal-Edikola reġa' inbena, filwaqt li tħalliet intatta l-kamra funerarja u l-irħam li kien jiksiha. Fost il-patrijiet kien hemm bosta li ikkritikaw id-disinn.

Patri Hoade jikteb: "*Thus disappeared under their 'sacrilegious hammer' the beautiful edicule copied by (Franciscan Father) Boniface of Ragusa from the 11th century model.*"

Kummentatur Grieg, Maximos Simaios, iddeskriva dak kollu li kien ġie salvat min-nirien, u jafferma li "l-kamra funerarja kienet tidher li hi għar, imħaffer bl-iskalpelli fil-blat tal-franka. Il-ħitan tat-tramuntana u tan-nofsinhar kienu mħaffrin fil-blat, imma l-ħitan tal-lvant u tal-punent u s-saqaf kienu tal-ġebel."

Waqt ir-restawr, Komnenos, dejjem skont Simaios, "fetaħ in-naħa tal-punent tal-qabar u ħass fwieħa mill-aktar ħelwa ħierġa mill-blata tal-qabar li kien hemm taħt l-irħama."

In-naħa tan-nofsinhar tal-qabar ġiet mgħottija b'żewġ irħamiet, li llum tidher dik esterna. Dwar x'kien hemm ġewwa hu ma jgħidx kelma waħda. Fuq il-blata u fuq il-post tad-dfin innifsu kien hemm żewġ irħamiet, waħda mqiegħda fuq l-oħra, u li kienu identiċi. L-irħama ta' fuq kienet dik li naraw illum u dik taħtha, li kienet tmur lura lejn il-Medju Evu, dehret meta tneħħiet l-irħama tal-wiċċ.

Id-deskrizzjoni ta' Simaios tindika li kienet biss in-naħa tal-punent li kienet infetħet waqt ir-restawr, filwaqt li l-irħam ta' madwar il-qabar tħalla f'postu. Dan hu l-istess irħam li naraw illum meta nidħlu fil-kamra funerarja.



# L-ITTRI KATTOLIĊI FIL-ĠDID TESTMENT

*Fr Charles Buttigieg*

*"Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh"*

*(Ġakbu 1:12)*

L-Ittri Kattoliċi, jiġifieri 'universali', huma sebgħa fil-Ġdid Testment u dawn huma: Ġakbu 1 u 2, Pietru 1, 2 u 3, Ġwanni u Ġuda. Il-kelma 'kattoliċi' tfisser 'universali' għaliex dawn inkitbu għall-knejjes kollha fil-bidu tal-Knisja u għalhekk meqjusa bħala ittri ċirkulari. Kien San Injazju ta' Antijokja, fl-ittra tiegħu lill-knisja ta' Smirna fit-Turkija, li kiteb li fejn hemm l-isqof hemm il-'knisja kattolika'. Il-knejjes tas-Sirja qatt ma aċċettaw l-ittri Kattoliċi. Fil-Ġ.T. tal-Kopti nsibu ukoll l-ewwel u t-tieni ittra ta' San Klement.

## L-Ittri ta' San Pietru

L-ittri kanoniċi ta' San Pietru huma tnejn. Hemm kitbiet oħra attribwiti lil San Pietru imma dawn huma meqjusa bħala apokrifi. L-Ewwel Ittra ta' San Pietru għalkemm hija indirizzata lill-komunitajiet nsara ta' Pontu, tal-Galazja,



il-Kappadoċja, l-Asja u l-Bitinja; hija meqjusa bħala 'ittra ġenerali' miktuba madwar is-sena 63-64 W.K. ġewwa l-belt ta' Ruma għall-Knisja kollha, għall-insara kollha mxerrdin speċjalment fl-Asja Minuri. F'dawn il-komunitajiet kien hemm insara ta' oriġni Lhudija kif ukoll pagana. Għandha ħames kapitli b'105 versi. Aktarx inkitbet fi żmien Neruni meta l-persekuzzjoni aktar sistematizzata ta' Djoklezzjanu u Trojanu kienet għadha ġejja. Xi wħud mill-biblisti jikbtu li hija priedka battezimali. Bultmann jikteb li fl-ittra hemm innu u kredu, jiġifieri stqarrija ta' fidi. Minn dejjem sa minn Irinew kien hemm qbil li l-awtur huwa Pietru l-ewwel Papa. Sa mill-bidu nett Klement Ruman jikkwota lil din l-ittra importanti. Fiha nsibu enfasi fuq id-dinjità ta' dawk kollha li jħaddnu r-reliġjon l-ġdida mwaqqfa minn Kristu. Titkellem dwar id-dmirijiet tal-ħajja nisranija u l-imġiba tan-nistani fid-dinja pagana. Tkompli tgħid ukoll, li huma jissieħbu mat-tbatijiet ta' Kristu meta jgħaddu mill-prova tat-tbatija speċjalment dik tal-persekuzzjoni u li wara din it-tbatija hemm tassew wirt imħejji għalihom (ara 1,1 u 5,12). Huwa jgħallem dwar is-salvazzjoni, dwar il-miġja ta' Kristu, il-filjolanza tan-nisrani, u fuq kollox dwar il-poplu ġdid ta' Alla fil-knsija u t-tbatija tan-nirani. L-eqdem




manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papiri 72 u 81 li huma tal-bidu tar-raba' seklu A.D.

Rigward it-tieni ittra, insibu li għandha rabta kbira ma' San Pietru u nkitbet qabel il-qerda ta' Ġersualemm fis-sena 70 W.K.. Din l-ittra għandha ħafna xebh mat-tagħlim ta' San Pawl u t-tagħlim fl-ittra ta' San Ġuda. Hija tgħallem dwar il-ħajja tan-nisrani u twissi kontra l-għalliema foloz u l-valur tal-kotba mqaddsa (1:19-21). Hija iqsar mill-ewwel ittra u fiha 3 kapitli u 61 vers. L-eqdem manuskritt bibliku li jġib din l-ittra huwa l-papiru 72 li huwa tal-bidu ta-raba' seklu A.D.

## L-Ittra ta' San Ġuda

Ġuda Taddew hu l-isem li nsibu f'Mattew u f'Marku bħala Taddew. F'Luqa u fl-Atti nsibuh bħala Ġuda ta' Ġakbu għax kien hu Ġakbu u qarib tal-Mulej (ara Ġuda 1:1). Jissemma fl-aħħar ċena waqt id-diskors ta' Ġesù (ara Ġw 14:22). Huwa l-awtur ta' din l-ittra kanonika kif naraw fl-ewwel vers tal-ittra u huwa possibilment it-tielet isqof ta' Ġerusalemm wara Ġakbu u Xmun. Inkitbet biex tfarrak l-ereżiji tal-kotba apokrifi u nkitbet madwar is-sena 90 W.K.. Fuq kollox turi l-importanza tal-fidi li ġejja mill-appostli u l-ħniena ta' Alla mogħtija permezz ta' Ġesù Kristu. Fiha kapitlu wieħed fejn inisbu 25 vers biss. L-eqdem manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papiri 72 u 78 li huma tal-bidu tar-raba' seklu W.K..

## L-Ittra ta' Ġakbu

Huwa Ġakbu qarib tal-Mulej li kiteb din l-ittra (ara Gal



1:19 u Atti 12:7). Ġakbu ż-żgħir, bin Alfew huwa meqjus minn ħafna bħala l-qarib tal-Mulej kif juri San Pawl f'Gal 1:19. Huwa sar isqof ta' Ġerusalemm u mexxa l-ewwel Konċilju ta' Ġerusalemm (ara Atti 15:13 u Gal 2:9). It-tradizzjoni dejjem żammet li huwa dan Ġakbu li kiteb din l-ittra għaliex fil-Ġdid Testment jissemmw erba' persuni bl-isem ta' Ġakbu: hemm Ġakbu ħu Ġwanni l-evanġelista, hemm Ġakbu bin Alfew li kien wieħed mill-appostli, hemm Ġakbu ż-żgħir iben Marija u Ġużeppi u Ġakbu missier Ġuda. Huwa kellu t-tmexxija tal-knisja tal-bidu f'Ġerusalemm u dan jidher fl-ittra għaliex iwissi, jikkmanda u jċanfar u jgħallem. Huwa kiteb lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja, kif jispjega fl-ewwel vers tal-ittra. Aktarx din l-ittra inkitbet bejn in-snin 60 u 70 jew 80 ġewwa Ġerusalemm bil-Grieg. Hija ittra ċirkulari forma ta' diskors morali b'ġabra ta' eżortazzjonijiet, twissijiet u istruzzjonijiet. Fiha ħames kapitli u 108 versi. L-eqdem manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papyri 20, 23, u 100 li huma tat-tielet seklu W.K..

L-ittra tgħallem dwar l-importanza tal-kelma ta' Alla għaliex hija l-kelma tal-verità (1:18). Jisħaq ħafna fuq it-talb fil-ħajja tan-nisrani u tal-komunità kif naraw fil-kapitlu 5,14-15: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-

Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu." Jitkellem ukoll dwar il-misteru tat-tbatija fil-ħajja tan-nisrani u t-tiġrib li jista' jgħaddi minnhom kif naraw f'4:6. Jitkellem fuq kollox dwar il-fidi u l-opri f'2, 14-17: "Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun waħedha u ma jkollhiex għemil tkun mejta". Jitkellem ukoll dwar l-inġustizzji u mġiba oħra morali (3:2-10).

## L-Ittri ta' San Ġwann

Minbarra l-evanġelju u l-Apokalissi San Ġwann l-Evanġelista għandu tliet ittri kanoniċi fil-Ġdid Testment. L-ewwel ittra għandha rabta kbira mar-raba' vanġelu. Inkitbet madwar is-sena 90-100, aktarx ġewwa Efesu. L-iskop tal-ittra hu li ssaħħaħ il-fidi u tagħmel twissija kontra tagħlim falz. Tgħallem dwar Alla, dwar Ġesù u l-Ispirtu s-Santu u fuq kollox dwar l-imħabba nisranija, l-*agape*: "Alla hu mħabba u min jgħammar fl-imħabba, jgħammar f'Alla u Alla fih" (4:16-21). Twissi wkoll kontra l-ħażen u d-dnub u kontra l-għedewwa tal-knisja (2:18). L-awtur qisu missier u mexxej spiritwali u fl-ittra hemm ton familjari espress bil-kelmiet 'ulied' u 'għeżież'. Xi biblisti jsostnu li hija ittra ċirkulari lill-knejjes tal-Asja. L-ittra kienet studjata minn diversi biblisti bħal Bultmann, Marxen, Von Dobschitz, Brown, Kaseman, Schanackenburg u De la Potterie. Is-silta ta' 1 Ġwanni 5:7 tissejjaħ bil-Latin *comma Ioanneum* għaliex issemmi t-Trinità. Fiha ħames kapitli u 105 versi. Hija l-unika ittra li tinqara kollha kemm hi fil-liturġija tal-Knisja. It-tieni u t-tielet ittra ta' San Ġwann juru li l-awtur huwa presbiteru bħalma kien Ġwanni ġewwa Efesu. Inkitbu fuq kollox biex jegħlbu l-ereżiji dwar Ġesù li bdew jinbtu fil-bidu tal-Knisja għaliex kien hemm elementi ta' apostasija u xiżma tal-Antikristi. Fl-ittri hemm ċertu għarfien tar-raba' evanġelju. It-tieni ittra hija indirizzata lis-sinjura magħżula u lil uliedha u għalhekk lill-Knisja. Fiha 13-il vers biss. Hija tgħallem kontra l-injostiċiżmu u d-doċetiżmu. It-tielet ittra hija qasira ukoll u fiha 15-il vers. Hi indirizzata lil Gajju. L-eqdem manuskritti ta' dawn it-tliet ittri huma l-papiri 9 u Alef li huma tat-tielet u tar-raba' seklu.

## Biblijografija


Allison, D.C., "James through the centuries", in *American Theological Inquiry. A biannual journal of Theology, Culture and History* 7 (2014) 11-16.

LOCKYER, H., *All the Apostles of the Bible*, London 1972.

Michl, J., *Die Katholischen Briefe*, Regensburg 1968.

Monferrer-Sala, J.P., "An eastern Arabic version of the three epistles of Saint John (Codex Ar. 1625) kept in the monastery of El Escorial (Madrid), in *Parole de l'Orient* 27 (2002) 27-49.

Mussner, F., *La lettera di Giacomo*, Brescia 1970.

*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1991.

Niccum, C., *Ms 2345: a 15th century Ethiopian manuscript of Acts and the Catholic Epistles*, Abilene Christian University, 2008.

Reese, J.A., *2 Peter and Jude*, Two Horizons New Testament Commentary, Grand Rapids (MI) 2007.

STIBBS, A.M. – WALLS, A.F., *The First Epistle General of Peter*, The Tyndale New Testament Commentaries 17, Michigan 1983.

Ward, R.B., "Partiality in the Assembly: James 2:2-4", in *Harvard Theological Review* 62 (1969) 87-97.

WILKENHAUSER, A., *New Testament Introduction*, New York 1958.

Verseput, D.J., "Reworking the puzzle of faith and deeds in James 2:14-26", in *NTS* 43 (19970 97-115.



# L-OMMIJIET TA' ISRAEL U OMM ĠESÙ (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

## Mirjam oħt Mosè

Mirjam oħt Mosè hija waħda mill-persunaġġi tant għeżież għal poplu ta' Israel kollu. Sa mill-ewwel snin it-tifkira tagħha fit-Testment il-Ġdid hija waħda tipika bħala "eroina" qalb il-poplu tagħha stess. Probabbilment lil omm Ġesù, li din ukoll jisimha Mirjam, il-ġenituri tagħha tawha dan l-isem bħala kumpliment ta' mħabba u ġibda lejn Mirjam oħt Mosè.

Mirjam u l-aktar minħabba l-għanja tagħha wara l-qsim tal-baħar ħadet isem tassew kbir, importanti u komuni. "U Mirjam, il-profetessa, oħt Mosè u Aaron, qabdet it-tambur f'idejha u ħarġu n-nisa warajha bit-tnabar u ż-żfin" (Eż 15,20)

B'mod partikulari fil-ktieb tal-Eżodu, Mirjam imsejħa "profetessa" (Eż 15,20). Minħabba dan il-punt it-tradizzjoni Ġudajka nisġet serje ta' rakkonti li joħorġu għad-dawl il-kariżma profetika tagħha. Huma jitilqu mid-diversi ċirkustanzi li fihom twieled Mosè l-ewwel salvatur veru ta' Israel. Dan għaliex sa qablu niesu kienu skjavi tal-qilla tal-Fargħun f'art barranija.

B'mod ta' ispirazzjoni divina ta' min jemmen li Mirjam kellha kompitu speċjali biex tħabbar it-twelid u l-missjoni ta' ħuha Mosè. Meta mbagħad minħabba l-għira tal-Fargħun biex dan joqtol il-ġenituri ta' Mirjam – Għamram u Gokebed – huma kellhom jabbandunaw lil binhom ta' tlitt xhur fuq l-ilma tan-Nil (Eż 1,15-2,3). Mirjam kompliet temmen fl-orakli li kienet irċeviet mingħand Alla dwar il-kobor u r-responsabiltà futura ta' ħuha Mosè. Biss dan qatt ma jnaqqas il-merti ta' Mirjam, meta din "... qagħdet ftit 'il bogħod biex tara x'se jiġrilu" (Eż 2,4). Ma ninsewx li ħuha Mosè issa ta' tliet xhur kien qiegħed ġo qoffa miksija bil-qatran u ż-żift (Eż 2,3) f'wiċċ ix-xmara Nil. Din kienet responsabiltà mhix żgħira għal Mirjam.

L-evanġelista Mattew fil-kuntest tal-mewt ta' Ġesù fuq il-Kalvarju jgħid li "hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod" (Mt 17,55) Dawn in-nisa issa jistgħu wkoll ifakkru f'dak li għamlet oħt Mosè Mirjam f'dak il-waqt meta kienet tgħasses "mill-bogħod"; x'kien qatt se jiġri! Dan kien waqt drammatiku tassew! Tifla żgħira waħedha fuq ix-xatt tax-xmara Nil. Quddiema (Mirjam) kien hemm il-kurrenti għaddejin tax-xmara Nil, setgħu faċilment ikaxkru magħhom dak il-kannestru bit-tarbija Mosè ġo fih! Imma le kien hemm l-għassa sobrja ta' Mirjam (G. Michelini, *Stare con Gesù stare con Pietro*, Porziuncola, Assisi 2017)

## Il-profetessa Mirjam

Jeżiżtu bosta narrazzjonijiet qawwijin u dettaljati dwar



Mirjam bħala profetessa u li dawn qegħdin fil-Pseudo Filun. Dawn b'kuluri ċari jiddeskrivu r-relazzjonijiet tal-Lhud wara l-għamar tal-Fargħun dwar il-qtil tas-subien Lhud.

Il-Pseudu Filun (1 seklu wara Kristu) jikteb li x-xjuħ tal-poplu ssuġġerew lill-irġiel biex dawn ma jkollhomx aktar rapporti man-nisa tagħhom (9,2). Hekk huma jwaqqfu dik l-istraġi komuni li ordna l-Fargħun, il-qtil tat-tfal innoċenti, sempliċement għaliex huma Lhud. Dan kien għamar biex kull tifel li jitwieled lin-nisa Lhud jixħtuh fix-xmara Nil (1,15-2,3). Iż-żewġ qwiebel Għebrej "ma għamlux kif qalilhom is-sultan tal-Eġittu, imma ħallew is-subien ħajjin" (1,17).

Għamram mimli fidi għamja f'Alla ta' missirijietu li ma jiksirx il-wegħdi li għamel lil Abraham iddikjara b'mod ċar li kien kontrarju għal dak kollu. Għalhekk dan Għamram ingħaqad xorta waħda ma martu u ħeġġeġ lill-oħrajn biex dawn jagħmlu bħalu (9,3-6).

Din il-proposta ta' Għamram li ġiet milqugħa (9,9) intgħoġbot quddiem Alla, tant li qal: "Hekk hu dak li se jitwieled minnu għad jaqdini għal dejjem u permezz tiegħu se nagħmel ħwejjeġ meraviljużi mad-dar ta' Ġakobb".

L-ispirtu tal-Mulej ġie fuq Mirjam bil-lejl u hija kellha ħolma li l-għada fil-għodu rrakkuntata lill-ġenituri tagħha: "Dan il-lejl kelli ħolma – viżjoni, raġel liebes l-ħarir kien bil-wieqfa u qalli: "Mur u għid lill-ġenituri tiegħek: Hekk hu dak li għad jitwieled minnkom se jiġi mixħut fl-ilma, għaliex permezz tiegħu l-ilma għad jinxef. Jiena għandi bżonnu biex nagħmel sinjali, insalva l-poplu tiegħi u huwa jiggwidahom għal dejjem". Mirjam qalet b'dan il-ħolm lill-ġenituri tagħha.





## Rut

Fil-Ġudajiżmu Rut hija mdaħħla fost l-ommijiet ta' Israel. Għalhekk f'ċerti taqsimiet tal-letteratura Ġudajka hemm it-tendenza li jagħmlu minn Rut figura personifikata tal-poplu magħżul. Il-fatt li Mattew fil-ġeneoloġija jsemmi lil Rut,(Mt 1,5) dan ifisser ukoll kemm din il-persuna kienet ta' ċerta importanza diġà fl-ewwel żmien tal-Knisja fost il-Lhud-Insara.

Issa fuq in-naħa l-oħra Bogħaż jirrifletti l-imġiba ta' Alla lejn Israel. Fil-qosor, Bogħaż jirrappreżenta lil Alla, għarus, fil-waqt li Rut tirrappreżenta lil Israel, għarusa. Tipoloġija bħal din toħroġ mill-kummentarju l-kbir tal-ktieb omonimu meta dan ifisser il-vers 8 tal-kapitlu 2: "Ara qiegħda tisma' binti? Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra..." (Rut 2, 8) qisu qiegħed jgħid: "Ma jkollokx allat oħra barra minni" (Eż 20,3). Ukoll "twarrabx minn hawn", qisu qed jgħid: "Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar; Alla ta' missieri u lilu ngħolli." (Eż 15,2b).

Mill-kliem li Bogħaż qal lil Rut jidher paralelliżmu ma' dak li Alla jirrakkomanda lil Israel biex dan jitbiegħed mill-idolatrija, f'kelma waħda li ma jitħallatx ma' popli oħra li ma humiex Lhud. "Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra" (Bogħaz); kif ukoll "Ma jkollokx allat oħra barra minni (Alla). Din li l-Lhud jitħalltu, fis-sens li jaslu biex jiżżewġu mal-barranin kienet xi ħaġa li taħsadhom tassew u mhux la kemm kienu jniżżluha! Difatti hekk wieġbu missier u omm Sansun meta dan binhom qalilhom li ħa grazzja ma' mara barranija Filistja: "Ma hemmx mara fost il-bniet ta' ħutek u fost il-poplu kollu tiegħek, biex int tmur tieħu mara minn fost il-Filistin bla ħtin?" (Mħal 14,3).

Barra dan hemm ukoll il-professjoni ta' fidi li biha Mosè u l-poplu kollu ta'



Israel, wara li għaddew mill-baħar l-Aħmar, għarrfu lil Alla bħala l-uniku Alla tagħhom: "Ma għandekx twarrab minn hawn" (Bogħaż) u "dan hu Alla tiegħi, li lilu rrid nigglorifika" (Mosè lill-poplu kollu ta' Israel)".

Rut minkejja li kienet mill-Moab, mela barranija għall-poplu Lhudi, imma kellha karattru tassew uman u ġeneruż, dejjem lesta li tgħin lil kull min ikun fil-bżonn. Wara l-Moab, Rut marret toqgħod Betlehem. Aktar 'il quddiem dan l-att ġeneruż, jiġifieri l-għajnuna li Rut tat u offriet lil Nagħomi, ifakkru Bogħaż lil Rut infisha.

"Qaluli b'kull ma għamilt mal-kunjata wara l-mewt ta' żewġek; ħallejt lil missierek u lil ommok u lil art twelidek, u tlaqt għal għand poplu li int xejn ma kont tafu qabel. Il-Mulej iħallsek talli għamilt" (Rut 2,11).

## Konklużjoni

Bogħaż jieħu l-atteġġjament ta' Alla; Rut qiegħda fuq in-naħa ta' Israel bħala poplu tal-patt. It-tipoloġija ta' Bogħaż u Rut li tidher fil-bidu tagħha fil-Ġudajiżmu, tiġi żviluppata aktar fl-ambitu Kristjan. Bogħaz huwa figura ta' Kristu, Rut tal-Knisja. Dan il-mod ta' qari joħroġ mal-bidu tas-seklu V. Iżda madwar is-sekli XII-XIII dejjem fil-persuna ta' Rut minbarra dak tal-Knisja toħroġ ukoll il-persuna ta' Marija. Jeżistu żewġ kummentarji ta' *Pietro della Cella* (1115-1182) li t-tnejn li huma ddedikati lil Rut.

Kemm fil-ġesti kif ukoll fil-kliem ta' Bogħaż lil Rut, huwa skopra raffigurazzjoni tar-rapporti Kristu lejn Marija, jew ta' Marija lejn Kristu. Biżżejjed dawn il-kwotazzjonijiet. Rut tgħid li Bogħaż: "Jiena Rut il-qaddejja tiegħek" (Rut 3,9). *Pietro della Cella* jirreferi din il-frażi għal Knisja li tiddikjara kompletament li hija għas-servizz ta' Kristu – għarus flimkien mal-istess kliem ta' Marija. "Hawn Jien il-qaddejja tal-Mulej. Ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1,38). Kif Rut qieset lilha nfisha bħala l-qaddejja ta' Bogħaż u għalhekk dejjem lesta li tkun għalih l-id il-leminija, hekk ukoll wieġbet Marija it-tfalja ta' Nazaret lil Gabriel. Hija kienet dejjem lesta biex bil-fatti u mhux sempliċement bil-fomm tagħmel u tbaxxi rasha għal dak kollu li jgħidilha l-Mulej.




# PAWLU KIEN ĠELLIED? IL-FIRDA MINN BARNABA (ATTI 15, 36-40)

*Marcello Ghirlando*

## Min kien Barnaba?

Barnaba kien wieħed mill-persunaġġi l-kbar tal-Knisja tal-bidu li kien emmen bis-sħiħ fil-Vanġelu tant li ngħata fiduċja sħiħa mill-Appostli Pietru, Indrì, Ġakbu u Ġwanni. Meta Luqa jirrakkonta kif l-ewwel insara kellhom kollox flimkien, fuq Barnaba jistqarr: "Hekk ukoll għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin



il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli" (Atti 4, 36-37). Fil-bidu bikri tal-komunità Nisranija, kellu l-kuraġġ jemmen il-kelma tal-appostli, ibiegħ dak li kien tiegħu u sar parti mill-ewwel komunità Nisranija. Kien bin il-faraġ, bniedem għaref, ottimist, li kien jispira fiduċja u kien faċli li jiġbed lill-oħrajn miegħu.

Mhux ta' b'xejn li kellu missjonijiet importanti fil-Knisja tal-Bidu: Atti 11 ifakkarna li kien hu li ntbagħat mill-Knisja ta' Ġerusalemm biex jara x'kien qed jiġri f'Antjokja tas-Sirja: "... kbir kien il-għadd ta' dawk li emmnu u daru lejn il-Mulej. L-aħbar ta' dan waslet f'widnejn il-Knisja ta' Ġerusalemm, u għalhekk bagħtu lil Barnaba sa Antjokja. Meta dan wasal u ra l-grazzja ta' Alla, feraħ u beda jħeġġiġhom biex jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej. Għax hu kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u bil-fidi. U ġemgħa kbira ta' nies ingħaqdet mal-Mulej" (Atti 11, 21-24). Kien kapaċi jagħraf l-awtentiċità tal-Kristjaneżmu ta' Antjokja li kellha ssir l-għajn tal-Kristjaneżmu fl-Asja Minuri u fl-Oċċident ta' kultura Griega. Forsi mingħajru l-Knisja tal-bidu kienet iddum aktar magħluqa fiċ-ċirku tal-Gudejo-Kristjaneżmu. Huwa jifhem li f'Antjokja kien hemm il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u hu sar pont prezzjuż bejn il-Knisja-Omm ta' Ġerusalemm u l-Knisja ta' Antjokja tas-Sirja.

## Min kien Barnaba għal Pawlu?

Barnaba kellu importanza fundamentali għall-Appostlu tal-Ġnus: wara Ħananija, li kien għammdu u tah id-don tal-ispirtu s-Santu, Barnaba kien kollox għal Pawlu. Kien hu li mar ifittxu f'Tarsu, kien ħabib, missier spiritwali, għalliem tal-appostolat u dak li laqqmu fl-esperjenza appostolika.

Inġibu quddiem għajnejna x'kien ġara minn Pawlu wara l-esperjenza fit-triq ta' Damasku. Atti 9:26 ifakkarna li meta Pawlu "... wasal Ġerusalemm beda jfittex li jissieħeb mad-dixxipli. Imma lkoll kienu jibżgħu minnu, għax ma kinux emmnu li tassew ikkonverta". Kellu jkun Barnaba li jdaħħlu fiċ-ċirku appostoliku: "Mbagħad Barnaba qabdu u ħadu miegħu għand l-appostli. Hu qalilhom kif Sawl kien ra l-Mulej fit-triq u semgħu ikellmu, u kif f'Damasku kien tkellem b'wiċċu minn quddiem fl-isem ta' Ġesù. Għalhekk Sawl baqa' magħhom, dieħel u ħiereġ Ġerusalemm, u kien jitkellem bil-miftuħ f'isem

il-Mulej." (Atti 9, 27-28) Kien Barnaba li fehem li kellu joħroġ lil Sawl minn din is-sitwazzjoni ta' telfien li kien sab ruħu fiha!

Meta Luqa jitkellem mill-Knisja ta' Antjokja jfakkarna li Barnaba kien l-ewlieni fost il-profeti: "Fil-Knisja ta' Antjokja kien hemm xi profeti u għalliema: Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċireni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl" (Atti 13, 1). Barnaba kien l-ewwel, Sawl kien l-aħħar li ssieħeb magħhom, bl-istess saħħa ta' Barnaba: "Mbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl, u meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" Atti 11, 25-26).

Għandna dehra ta' kollaborazzjoni sħiħa bejn Barnaba u Pawlu, l-ewwel fost il-profeti u l-aħħar li wasal. Barnaba għaraf jivvalorizza lil Sawl u flimkien jaħdmu b'frott kbir fil-Knisja ta' Antjokja, tant li hemmhekk id-dixxipli jissejħu għall-ewwel darba Kristjani.

Barnaba huwa anke l-ewwel magħżul mill-ispirtu għall-missjoni: "Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom.' Mbagħad wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom" (Atti 13, 2-3).

Kien proprju f'din il-missjoni, l-Ewwel Vjaġġ missjunarju, li tibda toħroġ għad-deher il-personalità ta' Pawlu.

Huwa Pawlu li jdur b'kelma qawwija kontra s-saħħar Elima, quddiem il-Prokonslu Serġju Pawlu: "Mbagħad Sawl, li jismu wkoll Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, waħħal għajnejh fih u qallu: 'Ja bniedem mimli b'kull qerq u ħażen, bin ix-xitan u għadu ta' kull ma hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tgħawweġ it-triqat dritti tal-Mulej? Imma issa, ara, id il-Mulej se





tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-dawl tax-xemx.'...''(Atti 13, 9-11). Fil-vers 13 Luqa jikteb: "Pawlu u sħabu telqu bil-baħar minn Pafos u waslu Perge fil-Pamfilja". Barnaba hu wieħed mill-isħab. Ir-rwoli jidher li kienu qed jinbidlu. Mhux ta' b'xejn li l-ewwel diskors f'Antjokja ta' Pisidja huwa fil-fatt ta' Pawlu (Atti 13:15-41).

Kien qabel dan id-diskors li ġara dak li kellu jiġri! "Hawn Ġwanni ħallihom u raġa' lura lejn Ġerusalemm" (Atti 13:13).

L-alternanza tar-rwoli tibqa' tidher f'din il-missjoni: F'Listra, wara li Pawlu fejjaq il-magħtub, Barnaba, bħala l-anzjan ħasbuh Zews u lil Pawlu Ermi, għax kien hu li l-aktar li tkellem (Atti 14:8-18). L-oppożizzjoni għall-predikazzjoni f'Listra, imxewxa mil-Lhud ta' Antjokja u Ikonju, tiġi diretta fuq Pawlu li jsofri t-tħaġġir (Atti 14:19-20).

## X'ġara eżattament?

Wara l-Konċilju ta' Ġerusalemm, Pawlu u Barnaba jinfirdu, wara li Pawlu jipproponi vjaġġ ieħor: "Ftit taż-żmien wara, Pawlu qal lil Barnaba: 'Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fl-ibliet kollha li fihom xandarna l-kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin.' Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku. Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Pamfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol. Kellhom xi jgħidu sewwa, hekk li nfirdu minn xulxin. Barnaba ħa miegħu lil Marku u telaq bil-baħar lejn Ċipru. Pawlu għażel għal miegħu lil Sila u telaq, wara li l-aħwa rrikmandawhom f'idejn il-ħniena tal-Mulej." (Atti 15, 36-40)

X'kien ġara? Nuqqas ta' ftehim serju bejn kollaboraturi. Gwanni Marku kien ukoll kuġin ta' Barnaba u dan seta' kellu effett. Barnaba ried jiddefendi l-familjari tiegħu? "Kellhom xi jgħidu sewwa": forsi kienet diskussjoni mqanqla u mtawla, b'xi element ta' korla (ara 1Kor 13:5 "l-Imħabba ma tinkurlax...).

Għaliex seħħet firda daqshekk drammatika? Forsi kien pretest? Kien hemm xi ħaġa wara dan kollu?

Forsi fuq livell psikoloġiku, kien hemm xi taħwid li nibet mill-fatt li Pawlu kien sar il-kap tal-missjoni... meta fil-fatt Barnaba kien bniedem għaref u ta' awtorità. Kif seta' jħalli kollox f'idejn xi ħadd li fil-bidu kien meqjus bħala barrani? Forsi Barnaba tħawwad għax hu kien responsabbli imma fil-fatt Pawlu kien

qed jieħu d-deċiżjonijiet? Inġibu quddiem għajnejna kif Pawlu u Barnaba ukoll kellhom jissieltu kontra l-Ġudajizzanti: "Imma mbagħad niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew jgħallmu lill-aħwa: 'Jekk ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa ġejja minn Mosè, ma tistgħux issalvaw'. Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha mgħhom bis-sħiħ; għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnbhom jitilgħu Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwistjoni" (Atti 15:1-3).

Irridu nikkunsidraw fatt ieħor: Pawlu kien fil-fatt qiegħed jeħodha b'mod qawwi kontra l-Ġudajizzanti filwaqt li Barnaba kien il-bniedem li bena l-pontijiet. Forsi Barnaba kien qed jilmaħ xi firda ġejja mill-Knisja tal-insara min-nisel Lhudi? Pawlu ried jevita l-firda imma forsi kien qawwi ħafna fi kliemu u għemilu. Biżżejjed inġibu quddiem għajnejna l-Ittra lill-Galatin 2, 11-14: "Meta Kefa ġie Antjokja, jiena waqaftlu f'wiċċu, għaliex kellu tort. Għax qabel ma waslu xi wħud mingħand Ġakbu, hu kien qiegħed jiekol mal-Ġentili; iżda mbagħad lil dawn beda jaħrabhom u jitwarrab minnhom meta waslu dawk, għaliex baża' mil-Lhud ċirkonċiżi. Il-Lhud l-oħra bdew jimxu bl-uċuħ bħalu, u saħansitra Barnaba ħalla ruħu jitħajjar minnhom fil-wiri ta' ħaġa b'oħra". Niftakru li fl-Ittra lill-Galatin Pawlu jeħodha bl-aħrax kontra l-Ġudajizzanti biex jiddefendi, fl-aħħar mill-aħħar bħalma kien diġà għamel ma' Barnaba fil-Konċilju ta' Ġerusalemm, "il-verità tal-Vanġelu". Pawlu jirrakkonta f'Galatin 2, 1-5: "Wara erbatax-il sena rġajt tlajt Ġerusalemm flimkien ma' Barnaba u ħadt miegħi lil Titu wkoll. Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħedt quddiemhom, lill-mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn... Iżda minħabba f'xi wħud li riedu jiżżattu, aħwa foloz... lilhom anqas għal waqt wieħed biss ma rħejnielhom iwaqqgħuna għalihom, ħalli b'hekk il-verità tal-Evanġelju tibqa' sħiħa għalikom".

Storikament ma nistgħux inkunu nafu r-raġuni eżatta ta' dak li seħħ tassew bejn Pawlu u Barnaba...imma nistgħu nimmaġinaw kemm kienet ġrajja doloruża għal dawn l-appostli l-kbar tal-Knisja tal-bidu!

## X'kienu l-konsegwenzi?

Pawlu li kien kiseb fiduċja mill-Knisja bis-saħħa ta' Barnaba, ma kienx kapaċi jagħti fiduċja lil Barnaba fuq il-kwistjoni ta' Ġwanni Marku!





Barnaba żgur ħassu miċħud bħala ħabib. Forsi mhux b'malizzja, imma b'konsegwenza ta' dak li kien ġara.

Barnaba joħroġ mix-xena u jirtira Ċipru, il-Gżira tiegħu anke jekk Pawlu jfakkru f'1Kor 9,6: "Jaqaw jien u Barnaba biss ma għandniex id-dritt li ma naħdmux?"; u f'Kol 4:10 juri li rrikonċilja ruħu ma' Marku: "Isellmilkom Aristarku, fil-ħabs miegħi, u Marku, il-kuġin ta' Barnaba – ġa għandkom l-ordnijiet dwaru; jekk jiġi għandkom ilqgħuh tajjeb -". U f'2Tim 4:11: "Luqa waħdu baqa' miegħi. Ħu 'l Marku u ġibu miegħek, għax hu jiswieli ħafna għall-ministeru".

Forsi nistgħu nimmaġinaw lil Pawlu jiddispjaċih għall-atteġġjament daqshekk iebes tiegħu ma' ħabib li kien tah fiduċja u kien kumpann inseparabbli...il-firda żgur li ma kenitx faċli u li kienet imdemma fil-qalb! Il-firda żgur li qanqlet is-solitudni fil-qalb tal-Appostlu. Żgur li Pawlu kellu jibki it-telfien tal-kapaċità medjatriċi ta' Barnaba...forsi il-firda bejn iż-żewġ fergħat il-kbar tal-Knisja tal-bidu, fil-verità ma kenitx isseħħ.

## X'seta' tgħallem Pawlu minn din l-esperjenza doloruża?

Il-Mulej, li miegħu kien iltaqa' fit-triq ta' Damasku, huwa l-uniku ħabib perfett, li joffri ħbiberija dejjiema, dak li jifhimna dejjem u li ma jabbandunana qatt! Hekk seta' jikteb f'Fil 3, 8-11: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu; il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi. Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet".

Alla jmexxi lil Pawlu biex jifhem li l-appostolat ma kienx tiegħu personali, imma ħidma ta' Alla permezz tiegħu, frott il-għaqda tiegħu ma' Kristu u lejn Kristu.

Pawlu jifhem li f'kollox, l-essenzjal huwa Kristu...l-għaqda tiegħu ma' Kristu hija fil-fatt kolox għalih. U fid-dawl ta' din l-għaqda ma' Kristu, il-ħbiberiji umani jisiltu l-ġmiel u s-sens tagħhom.



# L-GĦEJUN TAR-RABA' EVANĠELJU (2)

**_Fr Martin Micallef OFMCap_**

Fl-ewwel parti ta' din il-kitba tagħna li ġiet ippubblikata fil-ħarġa ta' qabel din, bdejna naraw kif numru ta' studjużi nnutaw li l-Evanġelju skont San Ġwann jagħtina indikazzjonijiet li ma nkitibx minn id waħda u lanqas ma nkiteb f'daqqa. Minflok, jidher li wara dan l-Evanġelju hemm numru ta' 'għejun' [bl-Ingliż: *sources*] li l-Evanġelista uża sabiex seta' jikteb ir-rakkont tiegħu.

## Tliet Għejun


*Rudolf Bultmann*

Wieħed mill-istudjużi l-kbar li ħalla marka qawwija fuq l-istudju ta' kif żvolġa l-Evanġelju skont San Ġwann bla dubju ta' xejn huwa Rudolf Bultmann. Dan l-istudjuż Ġermaniż ħareġ bit-teorija li wara l-kitba tar-Raba' Evanġelju hemm tliet għejun differenti. L-ewwel għajn hi dik li Bultmann sejjaħilha 'l-għajn tas-sinjali,' it-tieni għajn hi dik li huwa sejjaħ bħala 'l-għajn tad-diskorsi,' u t-tielet għajn hi dik li huwa sejjaħ bħala 'l-għajn tal-Passjoni.'[1]

Skont Bultmann, ir-Raba' Evanġelista uża 'għajn tas-sinjali' li minnha huwa għażel u ħa numru ta' mirakli attribwiti lil Ġesù, li aktarx kienu wkoll enumerati, kif jidher fl-użu tan-numru tal-ewwel u tat-





tieni sinjal fi Ġw 2, 11 u 4, 54.[2]

Bultmann identifika wkoll it-tieni għajn, 'l-għajn tad-diskorsi,' li skont hu, ir-Raba' Evanġelista niseġ id-diskorsi li huwa attribwixxa lil Ġesù. Din it-tieni għajn kienet tikkonsisti 'f'diskorsi rivelatorji,' li skont Bultmann, oriġinalment kienu jappartjenu lill-ambjent gnostiku kif rifless fil-kitbiet tal-imsejħin *Mandeans*, possibilment ukoll dawn kellhom rabtiet mal-moviment ta' Ġwanni l-Battista.[3]

It-tielet, Bultmann qal ukoll li r-Raba' Evanġelista ħa minn għajn narrativa li kienet titratta l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Din l-għajn tidher li kellha kuntatt mat-tradizzjoni tal-Evanġelji Sinottiċi fir-rigward tan-narrativa tal-passjoni, għalkemm skont Bultmann, din l-għajn kienet indipendenti mis-Sinottiċi.

Skont Bultmann, il-fażi finali fl-oriġini ta' kif inkiteb ir-Raba' Evanġelju, hija mmarkata mill-preżenza ta' dak li hu jsejjaħlu 'ir-redattur ekklesjastiku,' li ried dan l-Evanġelju jiġi aċċettat mill-Knisja. Minħabba f'hekk, skont l-opinjoni ta' Bultmann, dan ir-redattur ekklesjastiku introduċa fin-narrativa tar-Raba' Evanġelju dawk ir-referenzi duttrinali, b'mod partikulari fuq is-sagramenti u l-eskatoloġija li ma kinux hemm mill-bidu. Dawn ir-referenzi jinkludu r-referenza għall-magħmudija fi Ġw 3, 5, ir-referenza għall-Ewkaristija fi 6, 51-58 u għat-tnejn fi 19, 34.[4] Huwa inkluda wkoll 5, 28-29 li tiddeskrivi dak li se jiġri fl-aħħar tal-ġudizzju. Fl-istess ħin, skont Bultmann, dan ir-redattur, għamel ukoll xi tibdil letterarju, billi inkluda l-Kapitlu 21, u filwaqt li skopra li t-test tal-Evanġelju ma kienx f'ordni, ipprova jirranġah fl-ordni li nsibuh illi, minkejja li dak li għamel, skont Bultmann, ma rnexxilux jilħaq l-iskop tiegħu, xi ħaġa li Bultmann innifsu kompliha hu fil-Kummentarju Kolossali tiegħu fuq dan l-Evanġelju!

Hemm numru ta' mistoqsijiet x'nagħmlu fuq il-proposti ta' Bultmann dwar l-oriġini tar-Raba' Evanġelju. Il-pożizzjoni bażika ta' Bultmann, per eżempju, tistrieħ fuq il-fatt illi skont hu l-Evanġelju fil-bidu kellu xejra Gnostika. Minbarra hekk, is-suġġeriment ta' Bultmann li l-Evanġelju hu magħmul jew jistrieħ fuq tliet għejun indipendenti minn xulxin, jagħmilha diffiċli sabiex




nifhmu kif dawn setgħu ġew magħqudin flimkien, speċjalment l-għajn tad-diskorsi li skont Bultmann oriġinat f'ambjent gnostiku mingħajr ebda rabta storika ma' Ġesù nnifsu.

## Edizzjonijiet differenti

It-teorija tal-għejun wara dan l-Evangelju tiddependi fuq il-presuppożizzjoni bażika li r-Raba' Evangelista, possibilment bl-għajnuna ta' oħrajn, ġabar flimkien f'narrativa waħda il-materjal li sab disponibbli għalih. Zvilupp loġiku ta' din l-idea hija li kemm-il darba r-Raba' Evanġelju huwa l-prodott ta' aktar minn kittieb wieħed, allura din il-kitba għaddiet minn redazzjonijiet differenti u mhux waħda, qabel ma l-Evanġelju nsibuh fil-forma finali kif wasal għandna llum.

L-istorja reċenti tal-interpretazzjoni tar-Raba' Evanġelju fil-fatt turina kif numru ta' studjużi oħra aktar reċenti ssuġġerew li dan l-Evanġelju ġie kompost fi stadji differenti; in-numru tal-istadji u r-redazzjoni involuti f'kull każ, tvarja sew fl-opinjoni ta' dawn l-istudjużi.

Fost dawn l-istudji jispikka l-Kummentarju fuq San Ġwann miktub mill-istudjuż Amerikan Kattoliku Raymond E. Brown li għandu t-teorija tiegħu dwar l-istorja tal-oriġini ta' kif inkiteb dan l-Evanġelju.[5] Jekk Brown għandu raġun, allura għandna soluzzjoni investigattiva oħra għall-problema tal-'iskossi' [*aporias*] li niltaqgħu magħhom fin-narrativa tar-Raba' Evanġelju.

Brown joħloq argumenti li fihom jipprova juri kif ir-Raba' Evanġelju nkiteb f'ħames fażijiet differenti. L-ewwel fażi, proposta minn Brown, titkellem fuq l-eżistenza ta' materjal tradizzjonali dwar il-kliem u l-għemil ta' Ġesù; materjal li skont Brown kien marbut mat-tradizzjoni ippreservata fl-Evanġelji Sinottiċi, iżda fl-istess ħin indipendenti minnhom.

It-tieni fażi skont Brown kienet tinvolvi l-iżvilupp ta' dan il-materjal f'perjodu twil, probabbilment permezz tat-tagħlim u priedkli orali. Skont Brown f'din il-fażi, 'predikatur u mgħallem teologu' ta għamla lit-tradizzjoni ta' dan l-Evanġelju fil-kuntest ta' 'ħsieb' jew 'skola.' F'dan il-perjodu, l-istejjer dwar il-mirakli ta' Ġesù ġew

żviluppati fi drama, filwaqt li s-sentenzi ta' Ġesù ġew żviluppati f'diskorsi.

Fit-tielet stadju, imbagħad, Brown jgħid li l-materjal imsemmi fit-Tieni Stadju, ġie organizzat f'Evanġelju konsekuttiv, b'mod illi dan ifforma l-ewwel edizzjoni tal-Evanġelju li għandna llum.

Ir-raba' stadju, skont Brown, kien jikkonsisti fir-reviżjoni ta' dak li kien inkiteb diġà imma li issa fih jiġu adattati materjal tradizzjonali għas-sitwazzjoni preżenti ta' min kien qed jagħmel din ir-reviżjoni, inkluż il-materjal li nsibu f'Ġw 9, 22-23 jiġifieri dak li jiġrilu r-raġel agħma mfejjaq minn Ġesù.

Dwar il-ħames u l-aħħar fażi mbagħad, Brown jgħid li mhux dejjem hu faċli li


*Raymond E. Brown*



tiddistingwiha mir-raba' fażi. Din kienet ir-redazzjoni finali minn xi ħadd li mhuwiex l-Evanġelista. Ir-redattur inkluda hawn materjal meħud mit-Tieni Stadju, li kien għadu mhux użat fl-edizzjoni ta' qabel tal-Evanġelju. Dan jispjega l-għala materjal f'San Ġwann, per eżempju, Gw 3, 31-36 u 6, 51-58 jinħass repetittiv. Hekk ukoll il-materjal doppju fi Ġw 14 u 16, u l-waqfa fi Gw 14, 31. Hekk ukoll skont Brown, wisq probabbli li l-materjal dwar Lazzru fi Gw 11 u 12, daħal fil-Ħames Stadju tal-kitba tal-Evanġelju, hekk ukoll il-Prologu (Gw 1, 1-18) u l-Epilopgu (Gw 21).[6]

Bi qbil ma' din it-teorija, J. Louis Martyn fil-ktieb famuż tiegħu, *History and Theology in the Fourth Gospel,* li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1968,[7] tana l-aktar teorija dettaljata ta' kif seta' inkiteb ir-Raba' Evanġelju f'sitwazzjoni li tirrifletti dak li kienet għaddejja minnu l-komunità li għaliha nkiteb dan l-Evanġelju, imsejħa bħala l-Komunità ta' San Ġwann.

Martyn jippreżenta argumenti sbieħ u tajbin li bihom jipprova juri kif wara l-kitba tar-Raba' Evanġelju hemm l-istorja ta' din il-komunità li għaddiet minn tliet fażijiet differenti. L-ewwel hemm dak li hu jsejjaħlu 'il-perjodu bikri' li jkopri qabel is-snin 70 u jwassal sas-sena 80. Martyn juża Ġw 1, 35-39 bħala test li fuqu jibni dan l-ewwel perjodu filwaqt li jġib argumenti biex jipprova juri kif dan l-Evanġelju oriġina permezz ta' numru ta' omeliji li fihom Ġesù jiġi ippreżentat lil-Lhud bħala l-Messija. B'dan il-mod, hawnhekk Ġesù jiġi muri bħala dak li fih twettqu t-tamiet messjaniċi għal



Israel, u allura b'dan il-mod Ġesù seta' jiġi msejjaħ bit-titli tradizzjonali messjaniċi kif naqraw f'Ġw 1, 35-39. Martyn jinnota illi f'dan kollu ma kien hemm xejn li seta' jweġġa' s-sentimenti tal-Lhud, inkella l-komunità tal-insara wara dan l-Evanġelju ma kinetx tiġi aċċettata sabiex tkun parti mis-sinagoga, bħalma jidher li kienet f'din l-ewwel fażi tal-kitba tar-Raba' Evanġelju. Fil-fatt, Martyn juża l-espressjoni "Lhud Insara" sabiex jiddeskrivi l-membri tal-komunità f'dan l-istadju tal-ħajja ta' din il-komunità. F'dan l-istadju, imbagħad, l-omeliji ġew miġburin flimkien, b'mod illi dawn skont Martyn, jiffurmaw dak li xi wħud mill-istudjużi jsejħu 'l-għajn tas-sinjali.'

It-tieni fażi fil-ħajja tal-komunità ta' San Ġwann huwa dak li Martyn isejjaħ bħala 'il-perjodu tan-nofs,' perjodu mmarkat minn żewġ ġrajjiet trawmatiċi. L-ewwel, il-membri tas-sinagoga bdew jissuspettaw u allura bdew jitolbu lill-membri tal-Komunità ta' San Ġwann sabiex jagħtuhom spjegazzjonijiet fuq dak li bdew jattribwixxu lill-persuna ta' Ġesù. Dan il-proċess ta' stqarrijiet u espulsjonijiet huwa maħdum b'mod drammatiku fil-ġrajja tar-raġel li twieled agħma kif naqraw fi Ġw 9. F'din l-istorja Martyn ra kif xi wħud minn dawn 'Insara Lhud' irnexxielhom jibqgħu jagħmlu parti mis-sinagoga, billi ħbew l-identità vera tagħhom (ara wkoll dak li nsibu fi 12, 42-43). Martyn issa juża l-espressjoni 'Lhud Insara' sabiex jiddeskrivi lil dawk li ġew imkeċċijin mis-sinagoga.

It-tieni trawma ġiet ikkawżata mit-theddida ta' persekuzzjoni fiżika u mewt (ara Ġw 1, 11; 10, 28-29; 15, 18; 16, 2). F'din is-sitwazzjoni, il-komunità bdiet tqis lilha nfisha li "m'mhijiex ta' din id-dinja" (ara 17, 1-26), li d-dinja tobgħodhom (ara 15, 18-16, 3; 16, 33).

It-tielet perjodu huwa wieħed aktar kompless. Skont Martyn, issa l-komunità ta' San Ġwann, bil-mod il-mod bdiet tiżviluppa l-identità proprja tagħha, filwaqt li bdiet tindirizza wkoll lil dawk l-Insara Lhud li baqgħu jagħmlu parti mis-sinagoga. Lil dawn bdew jgħidulhom li mhemmx triq tan-nofs. Fl-istess ħin, il-komunità bdiet tindirizza wkoll lill-insara Lhud oħra li tferrxu minħabba l-persekuzzjoni, meqjusa għalhekk bħala "ngħaġ oħra" (10, 16), bil-wegħda li jkun hemm merħla waħda taħt ragħaj wieħed.[8]

Dawn is-suġġerimenti kollha illi ppreżentajna s'issa dwar l-orġini tar-Raba' Evanġelju huwa fil-linja tal-istudju diakroniku li tiffoka fuq dak li hemm wara t-tradizzjoni tal-Evanġelju. F'kelma oħra, hawnhekk qisna qed nagħmlu xi eżerċizzju ta' arkeoloġija li fih nippruvaw inħaffru saffi differenti li jinsabu fuq xulxin sakemm naslu għall-qiegħ nett.

## L-istudju sinkroniku tal-Evanġelju

Linja oħra ta' studju applikat għall-Evanġelju skont San Ġwann bil-mod il-mod bdiet tieħu post dik ta' qabilha fil-bidu tas-seklu preżenti. Dan hu dak li nsejħulu il-metodu *sinkroniku*, metodu li jqis it-test bibliku mhux bħala saff, kif rajna fil-metodu diakroniku, imma pjuttost it-test bibliku bħala *tieqa*.[9]

Wieħed mix-xogħlijiet bikrin f'din il-linja ġdida ta' studju applikat għar-Raba' Evanġelju huwa dak ippubblikat minn istudjuż Amerikan, Alan Culpepper, *Anatomy of the Fourth Gospel*.[10] Minflok ma dan l-istudjuż ikkonċentra fuq l-għejun u t-tradizzjoni wara t-test finali tar-Raba' Evanġelju, Culpepper studja l-Evanġelju bħala 'letteratura'. B'dan il-mod, Culpepper irnexxielu jbiddel ir-rotta tal-istudju tal-Evanġelju billi kkonċentra fuq il-'wiċċ' [bl-Ingliż: *surface*] aktar milli fuq dak li hemm taħt it-test tal-Evanġelju. L-għan ewlieni tiegħu kien li jagħti valur lill-integrità u l-unità tal-kitba tar-Raba' Evanġelju fil-forma finali tiegħu kif jinsab għandna.

B'dan il-mod, Culpepper urina li l-esperjenza ta'

meta tiġi biex taqra t-test tal-Evanġelju, jiġifieri l-effetti li n-narrattiva tħalli fuq il-qarrejja, hija aktar importanti milli wieħed jipprova jifhem l-istorja ta' kif seta' inkiteb l-Evanġelju. Ir-riżultat ta' din il-linja ġdida turi li l-Evanġelista kien tassew imħarreġ sewwa fl-arti tan-narrattiva.[11]

F'din il-perspettiva, attenzjoni speċjali tingħata lill-mod kif in-nisġa tal-istorja tiżviluppa, dak li bl-ingliż jissejjaħ *the plot*. Culpepper, per eżempju, jinnota kif il-ġrajjiet huma ppreżentati f'ordni differenti minn dak li nsibu fl-Evanġelji Sinottiċi. Lil Ġesù nsibuh daqqa fil-Lhudija u daqqa fil-Galilija, filwaqt li l-konfrontazzjoni fit-Tempju huwa l-ewwel att pubbliku tiegħu aktar milli l-aħħar att pubbliku li wassal għall-aħħar provokazzjoni, bħalma naqraw fis-Sinottiċi.

Hekk ukoll fid-djalogi ta' Ġesù ma' tant karattri li jissemmew donnu li l-Evanġelista apposta jippreżenta lil dawn l-istess karattri qishom ma jifhmux dak li Ġesù jkun qed jgħidilhom. Xi drabi dan iseħħ billi l-Evanġelista juża espressjonijiet li għandhom aktar minn tifsira waħda. Kemm Ġesù kif ukoll l-għedewwa tiegħu donnhom li jitkellmu bl-idjoma tal-Evanġelista San Ġwann, filwaqt li l-istess temi jirrepetu ruħhom minn episodju għall-ieħor. Dawn ir-ripetizzjonijiet donnhom iservu sabiex permezz tagħhom l-awtur iwasslilna ċerti ideat li ried jagħtihom aktar importanza. Xbihat, kliem, temi, sinjali, konfrontazzjonijiet fuq il-Liġi u l-identità ta' Ġesù, il-preżenza tiegħu fil-festi f'Ġerusalemm, u d-djalogi mad-dixxipli u l-għedewwa tiegħu jirrepetu ruħhom matul in-narrattiva. X'inhi għalhekk in-nisġa, *il-plot*, tar-Raba' Evanġelju?[12]

Xi wħud iżommu li dak li nsibu fil-Prologu meta f'1, 11-12 naqraw: "Ġie f'daru, imma niesu ma laqgħuhx. Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu," huwa ġabra fil-qosor tal-istorja li l-Evanġelista jirrakkonta f'din in-narrattiva tiegħu.

F'nofs oppożizzjoni ħarxa, ix-xogħol ta' Ġesù huwa li jirrivela lill-Missier billi jagħti xhieda għall-verità u jneħħi d-dnub tad-dinja. Ġw 16, 8-9 tikkarratterizza "id-dnub tad-dinja" bħala n-nuqqas ta' twemmin f'Ġesù, il-Mibgħut tal-Missier. Aktar ma' Ġesù jirrivela x'inhu x-xogħol li l-Missier tas-Sema tah sabiex iwettaq, aktar tiġi rivelata l-identità tiegħu filwaqt li aktar tiżdied l-opożizzjoni kontra tiegħu.

Fl-istess ħin din l-opożizzjoni kontra tiegħu tikxef min huma tassew dawk li emmnu fih u dawk li baqgħu ma emmnux. Iċ-ċentralità ta' dan il-konflitt hija kkonfermata mill-fatt li kważi nofs mill-użu tal-verb 'temmen' fit-Testment il-Ġdid insibuhom fl-Evanġelju skont San Ġwann jiġifieri 98 minn 239 darba!

L-istorja rrakkuntata fl-Evanġelju skont San Ġwann, mela, hija waħda li ddur fuq

kif il-karattri li jissemmew jaslu biex jagħrfu jew ma jagħrfux l-identità vera ta' Ġesù. Mhux biss, l-identità ta' Ġesù tiġi rivelata bil-mod il-mod b'sinjali u diskorsi ripetuti u permezz ta' tant xbihat, iżda wkoll kull episodju hu essenzjalment l-istess storja fil-qosor tal-Evanġelju kollu.

Meta nħarsu lejn dan l-Evanġelju minn din il-perspettiva, allura nibdew nindunaw li dan l-Evanġelju hu aktar magħqud flimkien u koorenti minn dak li konna naħsbu, għaliex l-unità tiegħu nsibuha aktar fuq l-effett li l-episodji wieħed wara l-ieħor iħallu fuq il-qarrej.

## Referenzi


1 Għal analiżi sistematika tat-teorija ta' Bultmann dwar it-tliet 'sources'/għejun li huwa identifika meta jitkellem fuq l-oriġini tal-kitba tar-Raba' Evangelju, ara D. Moody Smith, *The Composition and Order of the Fourth Gospel: Bultmann's Literary Theory,* New Haven: Yale University Press, 1965.

2 Dwar 'l-għajn tas-sinjal' kif propost minn Bultmann u l-influwenza li din it-teorija ħalliet fuq studjużi li ġew wara ara, G. Van Belle, *The Signs Source in the Fourth Gospel: Historical Survey and Critical Evaluation of the Semeia Hypothesis* (= BETL 116), Leuven: Peeters, 1994.

3 Dwar it-testi tal-*Mandeans* użati minn Bultmann ara, A. H. B. Logan, "John and the Gnostics: The Significance of the Apocyrphychon of John for the Debate about the Origins of the Johannine Literature" in *The Johannine Writings,* ed. S. E. Porter and C. A. Evans, Sheffield: Sheffield University Press, 1995, 109-137.

4 Dwar dak li Bultmann isejjaħlu 'r-redattur ekklesjastiku' u l-influwenza tiegħu fuq testi li jitkellmu fuq is-sagramenti fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara Francis J. Moloney, "When Is John Talking about Sagraments?" in *A Hard Saying: The Gospel and Culture,* Collegeville/MN: The Liturgical Press, 1989, 109-130.

5 Ara Raymond E. Brown, *The Gospel According to John,* 2 vols (= AB, 29, 29A), Garden City/NY, 1966-1970.

6 Ara wkoll Raymond E. Brown, *The Community of the Beloved Disciples: The Life, Loves and Hates of an Individual Church in New Testament Times,* New York: Paulist Press, 1979.

7 J. L. Martyn, *History and Theology in the Fourth Gospel,* Nashville: Abingdon, 1979.

8 Għal analiżi tajba fuq it-teorija ta' Martyn, ara l-istudju ta' John Ashton, *Understanding the Fourth Gospel,* Oxford: Oxford University Press, 2007.

9 Din il-metafora giet użata minn M. Krieger, *A Window to Criticism: Shakespeare's Sonnets and Modern Poetics,* Princeton/NY, Princeton University Press, 1964, 3. Ara wkoll N. R. Petersen, *Literary Criticism for New Testament Critics,* Philadelphia: Fortress, 1978, 19.

10 R.A. Culpepper, *Anatomy of the Fourth Gospel: A Study in Literary Design,* Philadelphia: Fortress Press, 1983.

11 Kienu bosta l-istudjużi fuq l-Evangelju skont San Ġwann li mxew wara din il-linja ġdida ta' interpretazzjoni. Ara, per eżempju, W.G. Stibbe, *The Gospel of John as Literature. An Anthology of Twentieth-Century Perspectives,* ed. M. W. G. Stibbe, Leiden: Brill, 1993.

12 Hemm diversi studji dwar *plot* fl-Evanġelju skont San Ġwann. Ara pereżempju, J. A. De Rand, "Plot and Point of View in the Gospel of John," in *A South African Perspective on the New Testament. Essays by South African New Testament Scholars Presented to Bruce Manning Metzger During his Visit to South Africa in 1985,* ed. J.H. Petzer – P.J. Hartin, Leiden: Brill, 1986, 149-169.



# META L-KUSTODJU BONIFACIO DI RAGUSA FETAĦ IL-QABAR TA' KRISTU (1555)

***Noel Muscat OFM***

G. Golubovich, *Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, Nuova Serie - Documenti, Tomo VI: Croniche o Annali di Terra Santa del P. Pietro Verniero di Montepeloso, Quaracchi 1939, 167-168.

L-ewwel nofs tas-seklu 16 jimmarka perjodu ta' diffikultà kbira għall-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Fl-1517 il-Palestina waqgħet taħt il-ħakma tat-Torok Ottomani meta s-Sultan Selim I għamel pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm u keċċa lill-Mamelukki. Minn dak iż-żmien id-destin tal-Franġiskani, Kustodji tal-Postijiet Qaddisa nbidel bħal-lejl min-nhar. Għalkemm huma kienu dejjem sofrew persekuzzjoni mill-ħakkiema Musulmani, imma normalment kienu jgawdu minn ċerta tolleranza, l-aktar bl-għajnuna tar-rejiet Kristjani tal-Ewropa. Bil-ħakma Ottomana, li kellha ddum għal 400 sena, sal-1917, il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa sabu ruħhom f'diffikultajiet kbar. It-Torok Ottomani kienu jqisu, bħala rappreżentanti uffiċjali tal-Kristjani fil-Palestina, lill-Griegi Ortodossi billi dawn kienu sudditi tagħhom, l-aktar bil-preżenza tal-Patrijarka ta' Kostantinopli.

Bil-mod il-mod il-Knisja Biżantina fl-Art Imqaddsa bdiet tiġi aktar Hellenizzata, jiġifieri bdiet timtela b'monaċi li kienu prevalentement Griegi fin-nazzjonalità. Dan wassal biex il-Knisja Griega Ortodossa, bil-Patrijarka ta' Ġerusalemm u l-Konfraternità tas-Santu Sepulkru, saru kollha kemm huma Griegi, u kien jirnexxilhom jakkwistaw mill-palazz tas-Sultan Tork, is-*Sublime Porte*, dak kollu li jridu, a skapitu tad-drittijiet tal-Latini jew Franġiskani.



*Sultan Selim I*

Fl-1551 il-Franġiskani preżenti fiċ-Ċenaklu fuq l-Għolja ta' Sijon kienu ilhom isofru persekuzzjonijiet kemm mil-Lhud kif ukoll mill-Musulmani, li kienu jinsistu li hemm kien hemm il-qabar ta' David u li l-Insara ma kellhomx dritt li jiċċelebraw il-liturġiji tagħhom fil-kamra ta' fuq, fejn titfakkar l-aħħar ċena ta' Ġesù. Fil-fatt, baqgħu baqgħu sa ma keċċewhom 'il barra miċ-Ċenaklu.

Kien f'dik l-istess sena 1551 li ntbagħat bħala Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, jiġifieri Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Bonifacio di Ragusa. Proprjament dan il-Franġiskan kien twieled fil-belt ta' Ston (għalhekk jissejjaħ ukoll Stagno), fuq il-kosta tal-Adrijatiku fid-Dalmazja. Sal-lum din il-belt hi waħda storika, taffaċċja l-Baħar Adrijatiku quddiem il-gżira ta' Mljet fil-Kroazja, u fiha wieħed jammira ħajt imponenti forma ta' stilla, li hu parti minn sistema ta' fortifikazzjonijiet tar-Repubblika ta' Dubrovnik, belt importanti u famuża li hi magħrufa wkoll bl-isem

ta' Ragusa. Kien għalhekk li Bonifacio jissejjaħ minn Ragusa, jew aħjar, minn Dubrovnik. Kien Franġiskan Kroat. Dam Kustodju mill-1551 sal-1560 u reġa' ġie elett fl-1562-1564. Fil-fatt hu kien ġie rikonfermat bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa fil-Kapitlu Ġenerali ta' Salamanca (1553) u fil-Kongregazzjoni ġenerali li kienet iċċelebrata fi Spanja fl-1556.

Kien Bonifacio di Ragusa li ħadem bis-sħiħ biex isib sistemazzjoni għall-Franġiskani, meta dawn ġew l-ewwel imkeċċijin mill-kunvent taċ-Ċenaklu fl-1551, wara li kienu tilfu s-sala tal-aħħar ċena fl-1524, u sabu sistemazzjoni proviżorja fil-kunvent hekk imsejjaħ "Torre del Forno", ftit passi bogħod. Imma anke minn hemmhekk tkeċċew u fl-1560 spiċċaw bla kunvent tal-Għolja ta' Sijon. Kellu jkun Bonifacio di Ragusa li rnexxielu jittrasferixxi lill-Franġiskani fis-sede ġdida tal-Kustodja fil-monasteru ta' San Salvatur, fejn il-Kustodju tal-Art Imqaddsa għadu jgħix sal-lum.

## Bonifacio di Ragusa jiftaħ il-Qabar ta' Kristu u jibni Edikola ġdida

L-aktar opra li baqa' famuż għaliha Bonifacio da Ragusa kienet dik li fetaħ il-Qabar ta' Kristu bl-iskop li jirrestawrah u jerġa' jibni l-Edikola li kienet tipproteġih. Inħallu r-rakkont ta' Patri Verniero di Montepeloso jagħtina ħjiel ta' dak li ġara fil-jum memorabbli tas-27 ta' Awwissu 1555:

"Dan il-Patri twajjeb daħal mela fil-Qabar l-aktar Qaddis nhar is-27 ta' Awwissu tal-istess sena (1555). Hu ordna li titneħħa l-ġebla tal-alabastru li kienet tgħatti l-Qabar Imqaddes. Fuq dik il-Blata l-aktar Qaddisa, fil-post li fih kienet imqiegħda r-ras, il-ġenb u r-riġlejn tal-Feddej tagħna, hu sab id-Demm tiegħu imħallat mal-mirra u l-aloe. Hu ħadu f'idejh, u b'devozzjoni li ma titfissirx bil-kliem u abbundanza ta' dmugħ beda jbusu aktar minn darba, u bl-umiltà u qima kbira poġġieh f'važun tal-fidda. Ma nafx jekk ħadux miegħu, jew inkella ippreżentahx lil xi Prinċep Kristjan, billi dan ma għadux jinstab imkien fil-Belt Qaddisa, u lanqas stajt insib xi aħbar oħra dwaru. Hu kesa dak il-qabar l-aktar prezzjuż b'irħamijiet mill-aktar fini, u qiegħed irħama tal-istess kwalità sħiħa fil-wiċċ għalkemm, b'ġest intelliġenti hu ordna li ssirilha qasma fin-nofs li tidher li qisha mkissra, biex hekk it-Torok ma jisirquhiex meta jaraw kemm kienet sabiħa. Hu żejjen il-Qabar Imqaddes minn ġewwa u minn barra bl-aħjar mod li bih seta' jżejnu. Fuqu hu bena wkoll koppletta, li hu poġġiha fuq.

kemm bħala ornament, imma wkoll biex tiddefendi l-Qabar mix-xita li kienet tinżel mill-*oculus* tal-koppla l-kbira. Din il-koppletta kienet maħduma bi tnax-il kolonna żgħar tar-rħam, u bi gwarniċun maħdum

*Dubrovnik*




*Imperatur tar-Rumani Karlu V*

fl-injam, u kienet miksija biċ-ċomb. Bejn il-kolonni li semmejna, kien hemm imdendlin xi lampieri tal-kristall mill-ifjen. In-nefqa kompluta ta' din il-koppletta u l-ornamenti tal-Qabar ta' Kristu wasslu għas-somma ta' 192 zekkin."

## Ir-rakkont ta' meta Bonifacio di Ragusa fetaħ il-Qabar ta' Kristu

L-informazzjoni miktuba mill-istess Bonifacio di Ragusa nsibuha fl-opra tiegħu *Liber de Perenni Cultu Terrae Sanctae et de Fructuosa eius Peregrinatione*, auctore Fr. Bonifacio Stephano Ragusino Ordinis Minorum Obs. Predicatore Apostolico et Stagni Episcopo, Venetiis MDCCCLXXV, 278-284. Din tkopri l-aħħar sezzjoni tal-volum, u hi ittra li hu kiteb nhar it-13 ta' Mejju 1575, fi żmien li fih kien Isqof ta' Ston (Stano) fid-Dalmazja.

"Fis-sena tas-salvazzjoni tagħna 1555, dik il-binja mill-aktar famuża li kienet bniet Santa Elena, omm il-Kbir Kostantinu, fuq is-Santu Sepulkru tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, kienet tinsab f'periklu li tiġġarraf, mhux mingħajr it-traskuraġni tad-devozzjoni li għandhom ikollhom lejha l-Insara tad-dinja kollha. Il-Papa Ġulju III (li kien ġie mitlub bil-ħniena mill-qatt mirbuħ u ta' tifkira dejjiema l-Imperatur tar-Rumani Karlu V, kif ukoll mill-mogħġub lil Alla ibnu Filippu), u li kien imnikket mill-periklu tat-tiġrif (ta' din il-knisja), talab lilna, li dak iż-żmien konna nokkupaw l-uffiċċju ta' Prefett Apostoliku fil-Kunvent ta' Ġerusalemm ta' San Franġisk tal-Osservanza, sabiex nieħdu ħsieb li nirrestawraw u nerġgħu nibnu dak il-post, li l-illustrissimu sinjur Francesco Varga, Oratur tal-Maestà tiegħu Ċesari quddiem Venezja, b'impenn mhux żgħir kien jinsisti biex jiġu assenjati l-flus f'isem l-Imperatur għall-bini mill-ġdid ta' din il-knisja kbira. Wara li tħabatna fuq li tħabatna, u vvjaġġajna bi spejjeż kbar, u wara diffikultajiet mill-aktar kbar, mingħand is-Sultan tat-Torok Ottomani ksibna l-permess li naraw li sseħħ din l-opra tant mixtieqa.

Billi kien jidher li kien meħtieġ li dik il-binja kellha bżonn terġa' tinbena b'mod

aktar b'saħħtu u terġa' titla' b'saħħitha ħalli tibqa' sħiħa għal sekli sħaħ, billi kienet għoddha se tiġġarraf, aħna għamarna li s-Sepulkru l-aktar qaddis tal-Mulej li kien imħaffer fil-blat jiġi miftuħ quddiem għajnejna. Ġewwa fih sibna pittura ta' żewġ Anġli li kellhom din il-kitba: wieħed *Qam u m'għadux hawn*, u l-ieħor kien jipponta b'subgħajh il-Qabar bil-kliem: *hawn hu l-post fejn qegħduh*. Imma dawn ix-xbihat, malli ħassew il-kuntatt mal-arja, iddisintegraw ruħhom fil-parti kbira tagħhom. Billi kien meħtieġ b'mod urġenti li naqilgħu dik l-irħama tal-alabastru li kienet tqiegħdet hemmhekk minn Santa Elena, u li fuqha jiġu ċċelebrati l-misteri tal-Quddiesa, hekk hu li deher quddiemna dak il-post mill-aktar ineffabbli, li fih, għal tlitt ijiem, straħ Bin il-bniedem. Hekk rajna b'għajnejna stess dak kollu li seta' jidher quddiemna. Dan kien il-post mill-aktar qaddis li ġabar fih id-demm u l-ungwenti tal-Mulej Ġesù, ta' dawk l-ungwenti li bihom ġie midluk qabel id-difna, u li tħalltu mad-demm tiegħu. Huma kienu jiddu qishom bid-dija tax-xemx li ddawwal kullimkien. B'ilfiq u biki ta' devozzjoni spiritwali u b'ferħ tar-ruħ aħna lqajnihom f'idejna, u bdejna nħarsu lejhom u nbusuhom, flimkien ma' sħabna li kienu jinsabu hemmhekk (kien hemm preżenti bosta Kristjani minn





diversi nazzjonijiet Orjentali u Oċċidentali). Kulħadd seta' jarahom u kulħadd ħassu meħud minn stagħġib ta' estasi hekk li kważi ħasshom ħażin.

F'nofs dak il-post sibna mqiegħed is-sudarju prezzjuż u mitwi li kien jgħattilu wiċċu; aħna ħadnih f'idejna bir-riverenza kollha u bdejna nbusuh; imma malli dak is-sudarju ġie espost għall-arja, f'idejna stess iddisintegra ruħu u ma fadal xejn minnu għajr xi ftit ħjut tad-deheb.

F'dak il-post kien hemm ukoll xi iskrizzjonijiet fuq għuda, imma minħabba l-qedem tagħhom kienu mikulin u ma kinux baqgħu intatti hekk li ma stajniex naqraw xejn minn dak li kien hemm miktub fuqhom, ħlief it-titlu li kien hemm fuqhom b'karattri Latini kbar li kellhom il-kliem *Elena tal-Kbir (Kostantinu omm għamlet u qiegħdet)*. Għalkemm ma nistgħux naffermaw b'ċertezza dik l-għuda eżattament x'kienet, mhux diffiċli nikkonkludu li dik kienet parti mill-għuda tas-Salib li kienet instabet minn dik l-aktar reliġjuża Reġina Elena f'Ġerusalemm, u li ġie mqiegħed hawnhekk skont dak li nsibu fl-iStorja sagra. Hekk aħna ġbarna u ħallejna dik l-għuda tas-Salib f'Ġerusalemm fil-post qaddis tal-Apparizzjoni tal-Mulej Ġesù lil Santa Marija (Maddalena) fuq l-istess altar ikkonsagrat lis-Salib. Parti minnha ħadniha magħna Ruma, u qsamniha f'diversi biċċiet f'forma ta' salib; waħda tajniha lill-Papa, li dak iż-żmien kien Piju IV li kien isaltan fuq il-Knisja kollha ta' Kristu; tajna wkoll relikwi lil żewġ Illustrissimi u Reverendissimi Sinjuri Kardinali, li kienu famużi għall-qima Kristjana tagħhom, jiġifieri dawk bit-titli ta' *de Carpo* u ta' *Ara Coeli*, li tajnihomlhom bil-qalb. Għalina żammejna biċċa żgħira mis-Salib, li kull meta nivvjaġġaw, aħna mdorrijin inġorruha magħna."

# Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa

## 10 - 18 Settembru 2017



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt